MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2006

Numru 697/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
v

**ANTOINE CASSAR**
**MATTHEW FRENDO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ANTOINE CASSAR** ta' erbgha w tletin sena bin Philip u Josephine nee Azzopardi, imwieled Pieta nhar d-dsatax ta' Awissu 1971 u residenti 9, 'Wild Orchid', Triq Monsinjur Anton Cilia, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 200571M u **MATTHEW FRENDO** ta' disgha w ghoxrin sena bin Joseph u Louise nee Wright, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1975 u joqghod 63, Flat 3, Triq Sidna tal-Angli, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 57776M gew mressqa quddiemha akkuzati talli b'diversi atti maghmulin minnhom, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. Nhar l-erbgha ta' Awissu 2005, filghaxija, f'Hal Balzan/ H'Attard, ikkommettew serq ta' apparat tad-daqq w oggetti ohra minn go erbgha vetturi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin ghad-dannu ta' Yvette Mallia minn Haz Zebbug, ta' Rosemarie Ciappara mir-Rabat, ta' Lara Montebello minn San Giljan u ta' Roberta Sammut mir-Rabat;

2. Talli fl-erbgha ta' Awissu 2005, filghaxija, f'Hal Balzan/ H'Attard, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg u cioe l-oggetti msemmija hawn fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. Talli fl-erbgha ta' Awissu 2005, filghaxija, f'Hal Balzan/ H'Attard, voluntarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fil-vetturi tal-persuni msemmija, liema hsara, li komplessivament teccedi l-hames mitt lira maltin, saret ghad-dannu tas-sidien rispettivi.

Lil **Matthew Frendo wahdu**:

4. Talli kiser l-probation ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata hamsa w ghoxrin ta' April 2005, fejn kien gie liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu u cioe li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sena.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 [fol 141] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti taz-zewg imputati, dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Rat wkoll s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Giovanni Grixti fil-konfront tal-imputat Matthew Frendo nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April 2005 esibita a fol 128 tal-atti bhala dokument MM.

Semghet liz-zewg imputati jiddikjaraw fil-presenza tal-avukat difensur taghhom li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fis-seduta tat-tlettax ta' Marzu 2006 [fol 180].

**Semghet lil imputat Matthew Frendo jirregistra ammissjoni ghal akkuzi ta' serq u hsara voluntarja** u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 [fol 243].

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Gunju 2006 [fol 243].

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2005 **xehed PC 1256 Simon Schembri** [fol 31] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Awissu 2005, ghal xi l-ghaxra neqsin kwart ta' bil-lejl, hu kien *patrol* w ircieva telefonata li kien hemm vettura suspettuza bin-numru ta' registrazzjoni KBF 396 u li x'aktarx kienet misruqa w ghalhekk avvicina l-post indikat lilu. Qal li kif kien sejjer lejn H'Attard, nnotata din il-vettura u waqqafha u fiha kien hemm l-imputat Antoine Cassar, li gharaf presenti fl-awla. Qal li ftit boghod, qisu tlett karozzi boghod, kien hemm l-imputat l-iehor Matthew Frendo li wkoll gharaf presenti fl-awla. Zied jghid li l-kollega tieghu mar fuq l-imputat Antoine Cassar filwaqt li hu mar fuq l-imputat l-iehor Matthew Frendo li kien vicin tieghu. Qal li ghamlu tfittxija fil-vettura fejn sabu *stereo* fuq is-*seat* ta' wara u tlieta ohra fil-bagoll w elevawhom. Ix-xhud ikkonferma li l-i*stereos* esibiti l-Qorti huma l-istess li sabu dakinhar tas-*search*.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2005 **xehed PC 686 Mario Galea** [fol 33] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Awissu 2005, ghal xi l-ghaxra neqsin kwart ta' bil-lejl, hu kien patrol ma

siehbu w ircievew telefonata li kien hemm vettura suspettuza bin-numru ta' registrazzjoni KBF 396. Spjega kif kienu sejrin lejn H'Attard, nnotataw din il-vettura u hu mar fuq s-sewwieq ta' din il-vettura li rrizulta li kien l-imputat Antoine Cassar, li gharaf presenti fl-awla filwaqt li siehbu mar fuq l-imputat l-iehor Matthew Frendo li wkoll gharaf presenti fl-awla, li kien vicin tieghu b'distanza ta' cirka mitt pied. Qal li ghamlu tfittxija fil-vettura w ghalkemm fuq il-persuna taghhom ma sabu xejn, fil-vettura sabu erbgha *stereos*, wiehed fuq is-*seat* ta' wara tal-vettura u tlieta ohra fil-bagoll. Qal li sabu wkoll nuccali, kaxxa tal-*billiard* u kaxa ohra b'xi *souvenirs*, liema oggetti huma elevaw. Ix-xhud ikkonferma li l-oggetti msemmija huma dawk esibiti l-Qorti wara li dawn gew murija lilu.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2005 **xehdet Rosemarie Ciappara** [fol 35] fejn qalet li nhar l-erbgha ta Awissu 2005, hi kienet ghamlet rapport lil pulizija li kienu serqulha *stereo* tal-marka Pioneer mill-vettura taghha ta' kulur *silver*. Meta x-xhud giet murija l-i*stereo* esibit l-Qorti, hi kkonfermat li dak kien proprjeta taghha u li kien insteraq mill-vettura taghha. Ziedet tghid li l-i*stereo* li nsterqilha kien bla *face*, ghaliex l-*face* tieghu jinsab fil-pussess taghha u fil-fatt fil-presenza tal-imputati u tal-Qorti hi wahhlet l-istess *face* fuq dan l-i*stereo* esibit. Xehdet li hi kienet xtrat l-*cassette player* ghal prezz ta' tnejn u disghin lira. Ix-xhud esibiet kopja ta' ritratt tal-*lock* miksur tan-naha tal-passiggier, liema hsara x'aktarx li kienet giet kagjonata biex insterqilha l-imsemmi *stereo*, liema ritratt gie mmarkat bhala dokument ST [fol 37]. Esibiet wkoll erbgha ritratti tal-intern tal-karozza taghha fejn kien imwahhal l-istess *stereo* u tal-*lock* imkisser u stima tal-ispejjez li sofriet fl-ammont ta' mija w ghoxrin lira, liema stima giet mmarkata bhala dokument C fol 38].

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2005 **xehdet Roberta Sammut** [fol 39] fejn qalet li nhar l-erbgha ta' Awissu 2005 kien insterqilha l-i*stereo* tal-marka Clarion (li kienet xtrat xi sena qabel), mill-vettura taghha tal-ghamla Fiat Punto. Meta giet murija wiehed mill-i*stereos* esibiti, x-xhud kkonfermat li dak tal-marka Clarion kien taghha. Qalet li apparti dan l-i*stereo*, mill-vettura taghha ma kien naqas

xejn aktar. Ziedet tghid li sofriet hsara fil-*lock*. Ikkonfermat l-istima esibita fl-atti bhala dokument CSH 5 fl-ammont ta' mija tmienja w sittin lira maltin u hamsin centezmu bhala l-ispejjes li hi sofriet waqt dan r-reat.

Illi nhar d-dsatax ta' Awissu 2005 **xehdet Yvette Mallia** [fol 41] fejn qalet li nhar l-erbgha ta' Awissu 2005 hi kienet irrappurtat lil pulizija li kien insterqilha *stereo* tal-marka Clarion li kienet qalghet bhala rigal fis-sena 2000 jew 2001. Meta x-xhud giet murija wiehed mill-i*stereos* esibiti l-Qorti, hi kkonfermat li dak kien proprjeta taghha. Ix-xhud esibiet l-Qorti zewg dokumenti li juru s-*serial number* u l-ktieb tieghu liema dokumenti gew mmarkati AB 1 u AB 2. Qalet li l-*lock* tan-naha tal-passiggier ma setghetx tifthu. Hi gabet stima tal-hsarat li sofriet u ghaddietha lil pulizija. Ix-xhud ikkonfermat d-dokumenti CSH 6 u CSH 7 bhala l-istimi mahruga minn Emanuel Garage u Muscat Motors, u li kienet ghaddiet lil pulizija meta giet mistoqsija il-hsarat li sofriet. Kompliet tghid li apparti l-i*stereo*, hi ma sabet xejn aktar nieqes mill-vettura taghha.

Illi nhar t-tletin ta' Awissu 2005 **xehed PS 1243 Frankie Pace** [fol 52] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Awissu 2005 waqt li kien xoghol kien ircieva telefonata li kien hemm xi nies li kienu qed ibaghbsu xi karozzi hdejn l-lokal maghruf bhala Ta' Zmerc fi Triq Birbal u li kienu nsterqu xi s*tereos* minnhom u kien gie indikat vettura tal-marka Toyota Trecell bin-numru ta' registrazzjoni KBF 396. Qal li ftit wara din il-karozza giet rintraccjata u iz-zewg imputati presenti fl-awla kienu mehuda l-ghassa. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenzi relativi li gew mmarkati minn dokument PS 1 sa PS 5 [fol 54 sa 66].

Illi nhar t-tletin ta' Awissu 2005 **xehed l-Ispettur Geoffrey Azzopardi** [fol 67] fejn qal li nhar l-erbgha ta' Awissu 2005, ghal xi l-ghaxra ta' bil-lejl, kien gie nfurmat li PC 686 Galea u PC 1256 Schembri kienu ntercettaw vettura fl-inhawi tal-gnien ta' Sant'Anton b'xi nies fiha li allegatament kienu serqu xi *stereos* mill-inhawi. Zied jghid li fil-fatt hu kien tahom struzzjonijiet sabiex jarrestaw liz-zewg persuni li fil-pussess taghhom sabu l-imsemmija *stereos* u jittiehdu l-eqreb ghassa.

Qal li l-ghada l-hamsa ta’ Awissu 2005 hu tkellem mal-imputat Antoine Cassar li gharaf presenti fl-awla. Irrizulta li l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KBF 396 li fiha nstabu l-i*stereos* kienet tghajjat lilu u fil-fatt meta din il-vettura giet intercettata mill-pulizija, Antoine Cassar instab fiha.

Meta gie mitkellem Antoine Cassar kien qal li Matthew Frendo kien jigi minnu u dakinhar tal-erbgha ta’ Awissu 2005, kienu ltaqghu l-pjazza ta’ Haz Zebbug u wara marru l-Wied ta’ B’Kara fejn hadu zewgt ifliexken birra. Qallu li dakinhar, wara ftit li ltaqghu, Matthew Frendo kien talbu jillarga ftit u hu qaghad jistennih l-wied. Zied jghidlu li wara ftit minuti Matthew Frendo rega’ rritorna b’basket f’idu li kien fih xi *stereos* u xi nuccali tax-xemx. Izjed tard, meta gie kkonfrontat li l-i*stereos* kienu misruqa fl-istess triq fejn kienu nstabu mill-pulizija meta gew intercettati, Antoine Cassar kien qallu li fil-fatt kien qaghad jistenna lil Matthew Frendo Hal Balzan, fejn l-lokal maghruf bhala Ta’ Zmerc, u mhux B’Kara kif kien qal qabel. Qallu li ma kienx jaf minn fejn kien gab dawk l-oggetti Matthew Frendo ghaliex hu qaghad jistennih fil-karozza.

Ix-xhud zied jghid li meta saret tfittixja fil-vettura ta’ Antoine Cassar fiha kien hemm *souvenir* tat-tigijiet li kien ornament tac-ceramika li meta gie mistoqsi dwaru, dan rrisponda li kien tieghu kien qal li kien sabu fl-inhawi ta’ Haz Zebbug u refghu fil-karozza tieghu. Mill-investigazzjoni li x-xhud ghamel fuq dan l-ornament, irrizulta li dan kien insteraq dik l-lejla mill-vettura ta’ Lara Montebello, flimkien ma *stereo* u nuccali tax-xemx. Zied jghid li sussegwentement Antoine Cassar rrilaxxja stqarrija li giet esibita w immarkata bhala dokument CSH 3 [fol 23].

Kompla jghid li Matthew Frendo gie mitkellem wkoll fejn qal li dawk l-oggetti kien xtrahom dik il-lejla stess ghal prezz ta’ ghoxrin lira. Meta dan l-imputat gie kkonfrontat bil-fatt li dawk l-oggetti kienu gew misruqa u mhux mixtrija, l-imputat Matthew Frendo kien ghazel li ma jirrispondix fl-istqarrija tieghu esibita fl-atti bhala dokument CSH 2 [fol

21], liema stqarrija giet rilaxxjata voluntarjament, u fiha hemm diversi mistoqsijiet li dan l-imputat ghogbu li ma jwegibx. Ix-xhud ippresenta sett ta' ritratti li juru l-vettura kif wkoll l-i*stereos* in kwistjoni li gew mmarkati bhala dokument GA 1.

Illi nhar t-tletin ta' Awissu 2005 **xehdet Lara Montebello** [fol 71] fejn qalet li nhar l-erbgha ta' Awissu 2005, hi kienet irrappurtat l-ghassa ta' B'Kara li kellha l-vettura taghha tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni LRA 555, ipparkjata fi triq vicin il-Corinthia Palace, f'H'Attard, li minnha sabet nieqes *stereo* tal-marka Grundig li kienet xtrat xi erbgha snin qabel ghal prezz ta' mitejn lira maltin u nuccali tax-xemx tad-ditta Roberto Cavalli. Xehdet li hi ndunat bis-serqa ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta' filghaxija. Kompliet tixhed li sabet il-*lock* tal-vettura taghha miksura w ghalhekk kellha tbiddel l-*locks* u kellha wkoll ghafsa fuq il-bieb. Ikkkonfermat l-istima esibita bhala dokument CSH 8 mahruga mill-UCIM Co. Limited, liema stima ghaddiet hi stess lil pulizija. Gharfet wkoll r-ritratti esibiti bhala dokumenti GA 13 sa GA 16.

Illi nhar t-tlettax ta' Marzu 2006 **regghet xehdet Lara Montebello** [181] fejn qalet li kemm in-nuccali tax-xemx kif wkoll l-ornament tat-tieg kienu go *glove compartment* tal-vettura taghha qabel m'insterqu. Ziedet tghid li n-nuccali kien jiswa bejn sebghin u tmenin lira maltin u l-ornament kienet qalghatu f'tieg.

Illi nhar t-tletin ta' Awissu 2005 **xehed Carmel Cremona** [fol 73] fejn qal li hu jaghmel xoghol voluntarju mal-Caritas. Qal li Matthew Frendo kien avvicina din l-agenzija u kien beda jattendi kull xhar biex jigi *challenged* ghal programm pero kellu jara psikjatra. Zied jghid li eventwalment gie arrestat u ma komplix. Mistoqsi ghaliex kellu bzonn jara psikjatra ix-xhud wiegeb li ma kienx f'posizzjoni jghid ghaliex dik kienet decizjoni tal-*key worker* tieghu. Kompla jghid li fil-frattemp l-kumitat li jassessja lil klijenti li jitilghu San Blas, qabel ma jkunu lesti biex jitilghu hemm, ried isirilhom *assessment* psikologiku u psikjatriku. Qal li una volta jkollhom dawn f'idejhom,

ikunu f'posizzjoni li jkomplu. Qal li l-imputat kien lest li jibda l-process ta' *outreach*.

Illi nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005 **rega' xehed Carmel Cremona** [fol 125] fejn qal li hu jahdem mal-Caritas voluntarjament u li din l-agenzija ghandha kumitat *multidisciplinary team* li assessja r-rapport li sar fil-konfront tal-imputat Matthew Frendo. Ix-xhud esibixxa r-rapport tal- *multidisciplinary team* li gie mmarkat bhala dokument S. [fol 127].

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2005 **xehdu il-Psikjatra Dottor Joseph Cassar u l-Psikologa Carmen Sammut** [fol 95] fejn qalu li huma kienu gew nominati mill-Qorti biex jezaminaw lil Matthew Frendo. Huma kkonkludew li dan ghandu problemi serji ta' dipendenza f'kuntest ta' problemi karatterjali u klinici, ghal liema dipendenza jrid jigi inizjat programm residenzjali u dan fuq livell unitarju. Ghal dawn il-problemi karatterjali u klinici, l-imputat Matthew Frendo ghandu jibqa taht kura psikjatrika kif fil-fatt qieghed. Ikkonkludew li l-programm li hu ghandu jaghmel huwa wiehed residenzjali. Huma esibew dan r-rapport li jinsab inserit fl-atti a fol 97.

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2005 **xehed PS 336 Antoine Schembri** [fol 113] fejn ikkonferma li hu kien presenti waqt l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati Antoine Cassar u Matthew Frendo li gharaf presenti fl-awla. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, u dik tal-Ispettur Geoffrey Azzopardi fuq iz-zewg stqarrijiet liema stqarrijiet ma gewx iffirmati miz-zewg imputati. Zied jghid li hu kien gie moghti struzzjonijiet biex jaghmel tfittxija fil-vettura li fiha nstab l-imputat Antoine Cassar u cioe dik bin-numru ta' registrazzjoni KBF 396, li tghajjat lilu stess. Qal li fiha nstab tornavit bil-ponta mghawwga u xi *souvernir*. Qal li meta l-imputat Antoine Cassar gie mistoqsi dwar is-*souvenir*, dan kien wiegeb li dak kien ta' Matthew Frendo. Zied jghid li aktar tard rrizultalu li l-imsemmi *souvenir* kien gie misruq. Ix-xhud ikkonferma li l-oggetti esibiti l-Qorti huma l-istess oggetti li gew elevati mill-karozza tal-imputat Antoine Cassar.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005 **xehed Noel Gauci** [fol 133] fejn qal li hu ghandu socjeta maghrufa bhala Brian Services Limited u fost affarijiet li jaghmel kien li jbiegh karozzi mill-Gappun. Ikkonferma li l-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni KBF 396 kien bieghha lil Antoine Cassar fuq *HP agreement* u ghadha mhux imhallsa.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2006 **xehed il-Psikjatra Dottor Joseph Saliba** [153] fejn qal li hu Direttur tal-isptar Monte Carmeli u responsabbli minn servizz ghal psikjatrija fl-isptar kif wkoll barra. Xehed li nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005, kien inhareg digriet fil-konfront tal-imputat Matthew Frendo li bejn s-sebgha ta’ filghodu w t-tlieta ta’ wara nofsinhar mit-Tnejn sal-Gimgha, l-imputat Matthew Frendo kellu jattendi l-*psychiatric day centre* f’Hal Qormi u dan in vista tax-xhieda moghtija minn Doctor Joseph Cassar. Xehed li d-*day centre* in kwistjoni mhux attrezzat biex jindirizza l-problema li ghandu Matthew Frendo u minkejja d-digriet tal-Qorti, dan qed jattendi darba kull tlett gimghat biss bhala *outpatients*. Qal li hemm tlett psikjatri li huma assenjati mad-Detox sabiex min ikollu dual *diagnosis* jew *psychiatric problems*, isib lil dawn ghal assistenza. Qal li dawn huma Doctor Joseph Cassar, Doctor Anton Grech u Doctor Ethel Felice u talab li Matthew Frendo jattendi ghal dawn is-servizzi fid-Detox.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 2006 **xehed PS 964 Robert Scicluna** [155] fejn esibixxa sett ta’ ritratti ta’ *stereos* esibiti fl-atti liema relazzjoni giet mmarkata bhala dokument RS [fol 157].

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Frar 2006 **xehed Dottor Stephen Farrugia Sacco** [167] fejn qal li hu kien gie nominat biex jaghmel stima ta’ erbgha *stereos* esibiti fl-atti u esibixxa r-relazzjoni tieghu f’dan r-rigward li giet mmarkata bhala dokument SFS [fol 169]. Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li l-i*stereo* tal-marka Clarion mudell DRB3675R jiswa tletin lira maltin, dak tal-marka Pioneer mudell DEH1500R jiswa hmistax il-lira maltin, dak tal-marka Grundig mudell EC4490CD jiswa tletin lira

maltin filwaqt li dak tal-marka Clarion mudell ARB1370E jiswa hmistax il-lira maltin.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Marzu 2006 **xehed l-imputat Antoine Cassar** [fol 189] fejn wara li giet moqrija lilu l-istqarrija minnu rilaxxjata bhala dokument CSH 3 [fol 23] qal li fiha hu kien ipprova jghatti xi ftit lil ko-akkuzat Matthew Frendo peress li jigi hu martu. Qal li dakinhar kienu marru n-New Bar u peress li Matthew Frendo kien qabad jittrenja u tan-New Bar huwa *body builder*, saru hbieb u qabdu jixorbu hemmhekk. Qal li dak l-hin Matthew Frendo kien hareg ipejjep sigarett u hu kien baqa fil-hanut jiehu xi *apetisers*. Qal li xi kwarta jew ghaxar minuti wara kien rega’ ra lil Matthew Frendo diehel fil-hanut u kellu basket, ghalkemm ma kienx ta kaz sewwa dak l-hin. Kompla jghid li huma baqghu jixorbu hemmhekk u wara telqu. Qal li Matthew Frendo qallu biex imorru lejn Ta Zmerc, u hu kien irrispondih li kien sar il-hin, ghaddew minn hdejn l-lokal maghruf bhala Ta Zmerc u Matthew Frendo nizel jixtri zewg fliexken inbid. Qal li meta rritorna, ra li kellu l-inbid u wrieh l-i*stereos* li kellu. Qal li wiehed minn dawn kien bla faccata. Qal li meta staqsih ghaliex kien hekk, Matthew Frendo rrispondih li ma kienx hemm x’taghmel. Qal li telqu ftit ‘l fuq u Matthew Frendo nizel jaghmel *toilet* u dak l-hin waslu l-pulizija fuqhom. Qal li l-fliexken kienu hallewhom fil-karozza u tnehhew d-depot. Zied jghid li waqt tfittxija li ghamlu l-pulizija wiehed minn dawn il-fliexken waqa u nizel xi likwidu minnu u l-pulizija hareg t-tapit u l-flixkun d-depot. Qal li lil Ispettur kien qallu li kien gab dak l-flixkun minn Haz Zebbug biex jghatti lil Matthew Frendo. Qal li dakinhar hu kien *off duty* u kien mar n-New Bar ma Matthew Frendo.

In kontr’ezami l-imputat Antoine Cassar qal li ma Matthew Frendo hu qatt ma kien hareg qabel, kienu johorgu biss bil-familji. Qal li s-soltu imur mal-mara w it-tfal. Zied jghid li Matthew Frendo fetah il-basket u hareg ta’ go fih quddiemu waqt li kienu pparkjati barra minn Ta’ Zmerc. Qal li meta Matthew Frendo dahal fin-New Bar, hu ma kienx ta kaz x’kellu u ma staqsiehx. Zied jghid li l-affarijiet li kellu Matthew Frendo huma mbarazz ghaliex hu jahdem u ma kellu bzonn xejn.

Mistoqsi f'liema hin hu kien fetah il-bagoll biex Matthew Frendo jpoggi l-affarijiet wara, x-xhud wiegeb li dan ghamlu meta kienu pparkjati, meta kienu sejrin lejn d-dar wara li kienu telqu minn hdejn Ta Zmerc. Mistoqsi ghal liema raguni qallu biex ipoggihom hemm, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li hu kien staqsa lil Matthew Frendo minn fejn kien xtrahom u dan kien wiegbu li xtrahom ghoxrin lira minn B'Kara. Qal li dan kollu kif qallu Matthew Frendo ghaliex hu ma kienx mieghu. Huwa ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex wiehed mill-i*stereos* kien fuq is-seat ta' wara u l-ohrajn fil-bagoll. Qal li meta waqfuh l-pulizija, Matthew Frendo kien hareg biex jaghmel *toilet* u hu kien ghadu fil-karozza jistennih hdejn ghalqa, biex imorru lura d-dar. Qal li ma kienx jaf minn fejn kienu nsterqu l-i*steroes*. Qal li kull ma jista jghid hu minn fejn kien qallu li xtrahom Matthew Frendo meta kienu barra n-New Bar.

Illi dakinhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 l-imputat Antoine Cassar talab lil Qorti sabiex tinnomina probation officer sabiex thejji *social enquiry report* dwaru w il-Qorti laqghet tali talba w innominat dakinhar stess lil Miriam Sevasta ghal dan l-ghan.

Illi nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006 **xehdet l-Probation Officer Miriam Sevasta** [fol 199] fejn ippresentat r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument SIR [fol 202]. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat Antoine Cassar kellu trobbija tajba minghajr problemi, madankollu l-edukazzjoni ma kientex priorita f'hajtu tant li hu m'ghandux sengha partikolari. Antoine Cassar izzewweg lil Alexandra tlettax il-sena ilu mill-liema zwieg twieldu zewgt ibniet, wahda ta' tnax u ohra ta' tmien snin. Mart l-imputat Alexandra hadet xokk kbira meta saret taf bil-kaz minhabba l-fatt li l-ko-akkuzat jigi huha. Jirrizulta li r-relazzjoni tal-konjugi Cassar hija wahda stabbli. Dwar xoghol, l-imputat Antoine Cassar ilu mpjegat mal-Freeport hames snin bhala *crane operator* u hu impjegat biezel. Antoine Cassar jichad l-komplicita tieghu f'dan il-kaz u jghid li minhabba dak li gara spicca dahal f'hafna inkwiet bla bzonn.

Illi nhar d-dsatax ta’ April 2006 l-imputat Matthew Frendo talab lil Qorti sabiex tinnomina probation officer sabiex thejji *social enquiry report* dwaru w il-Qorti laqghet tali talba w innominat dakinhar stess lil Ivan Sultana ghal dan l-ghan.

Illi nhar t-tnax ta’ Gunju 2006, **xehed l-probation officer Ivan Sultana** [fol 216] fejn ippresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument IS [fol 218]. Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat Matthew Frendo kellu trobbija li ma kienetx wahda tajba. In-nuqqas tal-omm kif wkoll l-vjolenza ta’ missieru fuqu u fuq hutu, effettwawh negattivament. Kien jghamilha ta’ *bully* u jiggieled ma shabu u sahansitra jahqar l-annimali. Hu mizzewweg lil Lorna u jidher li r-relazzjoni hija adekwata minkejja li hemm problemi minhabba dipendenza ta’ droga li xxekkel din r-relazzjoni. L-imputat Matthew Frendo ghandu zewgt itfal minn Lorna u wild iehor minghand mara ohra izda m’ghandux kuntatt ma dan l-wild. Matthew Frendo ghandu *record* t’impjieg li hi kemm xejn xott fejn hemm registrati zewg impjiegi, wiehed bhala *assembler* kif wkoll bhala *waiter* u kull impjieg kien ghal terminu ferm minimu. Minkejja dan Matthew Frendo sostna kif qaghad perjodu ta’ zmien jahdem fil-kostruzzjoni u renovazzjoni ta’ bini antik. Sostna kif qabel ma kien arrestat fuq dan il-kaz, kien qed jahdem f’dan x-xoghol izda l-posizzjoni tieghu ma kienetx regolarizzata.

Matthew Frendo huwa tip ta’ persuna ferm suxxettibbli ghal dipendenzi, kemm ta’ xorb alkoholiku, loghob tal-azzard u tehid ta’ sustanzi llegali. Beda jikkonsma l-alkohol ta’ disgha snin, liema problema kompliet tipprogressa fejn anke kellu jitlob ghajnuna lil Agenzija Sedqa. Beda jabbuza mid-droga ta’ erbatax il-sena u beda primarjament mid-droga Kannabis u ta’ sbatax il-sena kompla fuq d-droga Eroina. Tul dan il-perjodu hajtu saret aktar kaotika sakemm kiseb l-ghajnuna mill-Caritas u mis-*Substance Misuse Unit*. Hu impenja ruhu fi programm residenzjali fejn temmu b’success w ghalhekk isostni li ghamel diversi snin clean mid-droga, rega’ beda jabbuza u rega’ beda jibbenefika mis-servizzi tal-Caritas. Jirrizulta li Matthew Frendo ghandu problemi ta’

dipendenza f'kuntest ta' problemi karatterjali u klinici. Minn dan l-*assessment* jirrizulta li Matthew Frendo jbati minhn anzjeta gholja, distimja, dipressjoni u episodji ta' dizordni fil-hsieb, bi hsiebijiet li jghamluh jinqata wahdu u anke mir-rejalta. Fuq livell karatterjali, ghandu tendenzi *schizotypal*. Hareg wkoll tracci ta' karatteristici antisocjali w aggressivi w *avoidant*. Jirrizulta wkoll li Matthew Frendo jibbenefika minn programm ta' riabilitazzjoni li ghandu jkun residenzjali li m'ghandux ikun fuq livell komunitarju.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-imputat Matthew Frendo il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni ghal akkuzi ta' serq u hsara volunarja w ghalhekk a bazi ta' din l-ammissjoni voluntarja tieghu, il-Qorti tiddikjara li ssibu hati ta' dawn iz-zewg reati.

Dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni, moghtija fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni, il-Qorti rat li din inghatat b'mod alternattiv ghal akkuza ta' serq w ghalhekk il-Qorti tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Dwar l-akkuza li huwa kiser ordni tal-probation, mioghtija ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April 2005, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, il-Qorti tinnota li l-imputat Matthew Frendo ma rregistra ebda ammissjoni f'dan r-rigward.

Il-Qorti pero tinnota li fis-seduta tas-sbatax ta' Ottubru 2005 [fol 124], wara li l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Michael Mallia ppresenta s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Matthew Frendo nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April 2005 mill-Qorti tal-Magistrati esibita bhala dokument MM a fol 128 tal-atti, d-difiza ezentat lil prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq prova sabiex tikkonferma l-identita tal-imputat Matthew Frendo msemmi fis-sentenza msemmija w ghalhekk l-akkuza li hu kiser l-probation order moghtija lilu permezz ta' dik s-sentenza, ghal perjodu ta' sena b'effett mill-hamsa w ghoxrin ta' April 2005, tirrizulta wkoll.

Dwar l-ko akkuzat Antoine Cassar, is-sitwazzjoni hi daqsxejn differenti u dan ghaliex dan ma rregistra ebda ammissjoni.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tal-istqarrija tieghu esibita fl-atti a fol 23 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat Antoine Cassar kien xi ftit evasiv f'certi risposti w inveritier f'ohrajn. L-imputat Antoine Cassar jghid li s-*souvenir* li nstab fil-vettura tieghu dakinhar mill-pulizija kien tieghu u li kien sabu xi tlett ijiem qabel go skip f'Haz Zebbug. Filwaqt li Lara Montebello tikkonferma li dak is-*souvenir* li effettivament gie muri lilha l-Qorti huwa proprjeta taghha u li gie mehud mill-karozza taghha, proprju mill-*glove compartment* flimkien ma nuccali taghha tad-ditta Roberto Cavalli u l-i*stereo*. Illi ghalhekk r-risposta li l-imputat Antoine Cassar ta lil Ispettur ghad-domanda dwar s-*souvenir* li huwa tieghu hija inveritiera.

Ili l-imputat kellu kull dritt ma jwegibx ghad-domandi li jsirulu pero jekk hu ghazel li jirrispondi, il-Qorti tista tasal ghal gudizzju taghha a bazi tal-istess risposti li jaghti.

Meta il-prosekuzzjoni staqsiet lil imputat Antoine Cassar fl-istqarrija jekk kienx minnu li hu kien ftiehem ma Matthew Frendo biex imorru jisirqu l-i*stereos* minn qabel, Antoine Cassar iwiegeb li ma kellux pjani ghal i*stereos*. Qatt ma jichad li ma kellux pjani li jisraq.

Fl-istqarrija l-imputat Antoine Cassar jghid li Mathew Frendo nizel mill-vettura waqt li hu pparkja hdejn l-lokal maghruf bhala Ta Zmerc. Matthew Frendo nizel, dar dawra bil-mixi w irritorna wara '*fifteen minutes*' b'basket f'idejh b'erbgha *stereos* go fih.

Il-Qorti issibha difficili temmen kif l-imputat Antoine Cassar ma kien jaf xejn dwar x'kien ried jaghmel Matthew Frendo, pero peress li ma jirrizultax il-*common design* bejn z-zewg imputati, il-Qorti ma tistax issib lil dan l-imputat hati tar-reat ta' serq jew ta' hsara voluntarja.

Dwar r-reat ta' ricettazzjoni, pero il-Qorti thoss li ghandha tikkummenta ulterjorment.

Skond dak li gie rilevat fis-sentenza **Il-Pulizija v Filippa Fenech *deciza nhar t-tmienja ta' Mejju 1987*** biex jinghad li l-akkuza ta' ricettazzjoni tigi ppruvata, hemm bzonn li jirrizultaw sodisfacentement dawn r-rekwiziti:

1. illi l-oggetti li jkunu msemmija fil-kaz, ikunu gejjin mill-kommissjoni ta' reat;
2. illi l-akkuzat ikun jew irrecetta jew xtara dawn l-oggetti; u
3. illi l-imputat kien jaf li dawk l-oggetti kienu ta' provenjenza illegittima.

Illi kwantu ghat-tieni rekwizit, ma hux affattu necessarju li jkun hemm x-xiri tal-oggett mill-parti tar-recettatur, r-ricettazzjoni wahedha hija bizzejjed. In kwantu ghax-xjenza tal-provenjenza illegittima, dan l-element [li hu d-dolo specifiku tad-delitt ta' ricettazzjoni], jista jigi dezunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Kif gie rilevat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Bugelli *nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar, 1942 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** hemm bzonn li l-presunt ricettatur ikun ghamel xi haga li biha b'xi mod ikun ikkopera ruhu biex jigi ezitut jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz ta' reat. Irid jigi ppurvat mill-atti li l-imputat ikun intrometta biex b'dan mod jigi facilitat l-akkwistament tal-oggett misruq jew illegatment ottenut.

Issa, f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li meta l-ko akkuzat Matthew Frendo seraq l-oggetti esibiti l-Qorti u hadhom ghand il-ko akkuzat Antoine Cassar u pogga tlieta minnhom fil-bagoll tal-karozza u iehor fuq is-seat ta' wara, l-akkuzat Antoine Cassar m'ghamel xejn biex jaccerta li l-pussess ta' dak l-oggett kien legittimu w allura fil-fehma tal-Qorti, hemm l-element tas-*scientar* rikjest ghal intergrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni. Molto piu, meta tqis dak li qal viva voce l-Qorti li kien jaf li l-imputat Matthew Frendo kien xtara l-erbgha *stereos* ghal prezz irizarju ta' ghoxrin lira maltin. L-imputat Antoine Cassar fl-ebda mument ma ghamel l-verifiki tieghu dwar il-provenjenza tal-oggetti. Mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz setgha jiddetermina l-provenjenza llegittma tal-oggetti.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lil imputat Antoine Cassar hati ta’ dan r-reat.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat Antoine Cassar li hija wahda indellibbli minghajr ebda tebgha ta’ kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Rat wkoll li r-res furtiva giet ritornata lil sidha legittimu.

Rat wkoll r-rapport imhejji mill-probation officer Miriam Sevasta.
Fil-konfront tal-imputat Matthew Frendo il-Qorti rat l-fedina penali tieghu esibita a fol 6 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li dan kien instab hati ta’ diversi reati fosthom pussess ta’ droga Eroina, nuqqas t’ubbidjenza lejn ufficjali pubblici fil-qadi ta’ dmirijiethom, diversi kontravenzjonijiet naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku u serq u gie moghti probation u kundanni ghal hlas ta’ emendi u multi izda dan nonostante, ma tghallimx u rega’ qieghed il-Qorti bl-akkuzi odjerni.

Huwa appuntu ghalhekk li din il-Qorti sejra tuza l-id iebsa mal-imputat Matthew Frendo u tibghatu l-habs sabiex jitghallem li ma jistax jibqa jaghmel li jrid u li jrid jerfa l-piz ta’ ghemilu billi jkun responsabbli ghal agir persistenti w illegali tieghu.

Il-Qorti tafferma l-principju sollevat f’sentenzi tal-Qorti fejn ko-akkuzat, akkuzat bl-istess reati, possibbilment ghandu jinghata l-istess piena pero meta c-cirkostanzi partikolari tal-individwu akkuzat ikunu differenti, allura hu gust li l-Qorti tindirizza din d-differenza fil-piena.

**Ghalhekk l-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 330, 279(g), 280, 281, 289, 334, 325(a), 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lil imputat ANTOINE CASSAR hati tal-akkuzi ta’ ricettazzjoni u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sentejn [2] mill-lum ai termini tal-artikolu**

**22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah mill-akkuzi l-ohra.**

**Fil-konfront tal-imputat <u>MATTHEW FRENDO</u> tiddikjara li qed ssibu hati tal-akkuza ta' serq aggravat u hsara voluntarja fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal <u>tmintax [18] il-xahar prigunerija</u>.**

**In oltre, tiddikjara li ssib lil imputat Mathew Frendo hati talli kiser l-probation u tikkundannah wkoll ghal hlas ta' multa ta' mitt [100] lira ghal tali ksur u ordni moghti lilu bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu tal-hamsa w ghoxrin ta' April 2005 filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni fil-konfront tieghu.**

**Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti <u>tordna lil imputat Matthew Frendo wahdu</u>, jhallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina ta' Doctor Joseph Cassar fl-ammont ta' mija tlieta w tletin lira maltin [LM133] u fin-nomina tal-Psikologa Carmen Sammut fl-ammont ta' mija sitta w tletin lira maltin [LM136] u <u>liz-zewg imputati flimkien</u> ihallsu s-somma ta' erbghin lira maltin [LM40] u ta' PS 964 Robert Scicluna fl-ammont ta' dsatax il-lira u hamsin centezmu [LM19.50] <u>fi zmien xahar minn meta jigu hekk interpellati mid-Direttur tal-Qorti</u> .**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil imputat Antoine Cassar u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Finalment tordna l-konfiska tal-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni KBF 396 esibita formalment mill-Ispettur Joseph Mercieca fis-seduta tad-dsatax ta' Awissu 2005 [fol 18] favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------